MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2007

Numru 1306/2007

Il- Pulizja
(Spettur Carlo Ellul)

-vs-

Wayne Condorato

Illum 16 ta' Ottubru, 2007

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Wayne Condorato ta' 25 sena iben Carmel u Barbara nee' Spiteri, imwieled il- Pieta`, fis- 6 ta' Awissu 1982 u joqghod, 'Genesis', Triq ix- Xmiexi, Msida, detentur tal- karta tal- identita` bin- numru 0428682M.

Akkuzat talli b' diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li kisru l- istess dispozizzjoni tal- ligi u li gew mghamulin b' rezulizzjoni wahda:

1. Talli fil- 11 ta’ Ottubru, 2007 u fil- jiem u/jew xhur ta’ qabel, f’ hinijiet differenti u f’ postijiet ta’ divertiment differenit li jinsabu f’ Paceville, San Giljan, ikkommetta serq ta’ hames (5) ‘mobile phones’ u zewg (2) ‘cameras’ digitali ta’ marki differenti, liema serq huwa aggravat, bil-hin u bil- valur li jeccedi l- mitt (Lm100) lira Maltin izda mhux l- elf lira Maltin (Lm1,000), u dan ghad- detriment ta’ diversi persuni mhux maghrufa;

2. U aktar talli fl- istess zmien u cirkostanzi, xjentament laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq, jew akkwistati b’ reat, sew jekk sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’ kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat id-dokumenti prezentati.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi proceduri sommarja u li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritetlu l-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Rat l-artikoli 261(c)(f), 267, 270, u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina penali ta’ l-akkuzat.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi f’l-ewwel udjenza mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni u cioe dik ta’ serq b’l-aggravji imsemmija. Din l-imputazzjoni hija ghalhekk sodisfacjentement pruvata.

Illi t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi dwar il-piena l-Qorti ikkunsidrat il-koperazzjoni ta'l-imputat mal-Pulizija, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali netta tieghu. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll l-fatt li l-imputat irritorna r-refurtiva.

Illi tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jibbenefika mill-provedimenti tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 261(c)(f), 267, 270 kif ukoll l-artikoli 279(a) u 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tlett (3) snin mill-llum; u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni stante li din hija alternattiva ghall-ewwel wahda

Il-Qorti spejgat lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk taghmel reat iehor matul dan il-perjodu ta' tlett (3) snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------